**27 ta' Marzu, 1996**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Paul Gambin

*versus*

Frank Gambin *pro et noe*

## Kontro-Talba

*L-artikolu 396 tal-Kap. 12 jipprovdi li l-konvenut jista' jagħmel kontro-talba kontra l-attur basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba ta' l-attur, meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun ġejja mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun ġejja t-talba ta' l-attur.*

*Fi kliem ieħor il-kontro-talba toriġina* ex eodem fonte, ex eodem negotio vel eodem contractu *kif sintetikament imma inċiżament jesponu l-ġuristi.*

Il-Qorti:-

<u>Iċ-ċitazzjoni</u> ta' l-attur tgħid hekk:

"Billi l-istanti hu proprjetarju tal-Box Van Ford, nru. tax-*chassis* BCDCAC 287250, numru tar-reġistrazzjoni L 2047 li attwalment jinsab fil-pussess ta' l-istanti;

Billi l-istanti kien xtara dan il-van mill-Ingilterra u bagħtu Malta bin-numru tar-reġistrazzjoni MKJ988W;

Billi l-istanti, li kien u għadu jirrisjedi l-Ingilterra, kien uża

għal skopijiet ta' negozju, bħala indirizz f'Malta dak ta' Emen G. jew Emen Stores jew c/o K.T. Company Limited fi Triq Domenico Cachia, Birkirkara, iżda qatt ma kellu altrimenti x'jaqsam ma' din il-kumpannija li l-azzjonisti tagħha huma ħutu oħra;

Billi l-istanti kien ġab Malta dak il-van għal skopijiet ta' negozju u ħalla f'idejn ħuh Frank biex jagħmel il-pratiki kollha neċessarji, f'isem l-istanti, mad-Dipartiment tal-Kummerċ u l-Awtoritajiet Doganali u dawk tal-Pulizija sabiex l-istess van jidħol Malta, jitħallas id-dazju fuqu u jiġi reġistrat mill-Pulizija b'numru tar-reġistrazzjoni Malti;

Billi l-istanti wara sar jaf li ħuh Frank kien ma' l-Awtoritajiet imsemmija, flok isem Paul Gambin *proprio*, in kwantu għall-*import licence* uża isem Paul Gambin *on behalf of* u *for* il-kumpannija K.T. Company Limited - kif jirriżulta mid-Dok. A (tliet paġni), f'liema liċenza hemm imsemmija ukoll oġġetti oħra ta' l-istanti li tgħabbew fil-van għall-importazzjoni tagħhom f'Malta;

*Omissis*;

Billi meta l-istanti mar ma' min kien ser jixtri l-van, ċertu Norman Zammit għal Law. Quintano Co. Ltd. fil-*Licensing Office* ħalli jsir it-trasferiment minn fuq l-istanti għal fuq Norman Zammit *nomine*, instab li l-istanti ma setax jiffirma it-trasferiment tal-liċenza tal-van għax fuq il-*Log Book* (Doc. C) bħala sid jew *user* kien hemm il-kumpannija K.T. Co. Ltd. ġa' imsemmija u tagħha l-istanti ma kellu ebda rappreżentanza;

Billi Frank u Anthony aħwa Gambin, għalkemm mitluba, naqsu li jieħdu passi biex il-liċenza tal-van tkun fuq isem l-istanti;

Jgħidu l-konvenuti, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u mogħtija l-provvedimenti opportuni kollha, għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

Tiddikjara li l-box van imsemmi, nru. ta' reġistrazzjoni preżenti L2047 hu ta' proprjeta` esklussiva ta' Paul Gambin u s-soċjta` K.T. Company Limited m'għandha x'taqsam xejn miegħu;

Tordna lil Frank Gambin biex, spejjeż tiegħu, jagħmel ma' kull Awtorita` il-pratiki neċessarji kollha (fi żmien qasir u perentorju li ttih din l-Onorabbli Qorti) biex il-van jiġi rreġistrat mal-Pulizija b'isem l-istanti *proprio* u mhux kif inhu issa, b'dikjarazzjoni li l-istess Paul Gambin ikun ħati ta' disprezz kontra l-Awtorita` tal-Qorti f'każ ta' nuqqas bil-komminazzjonijiet kollha li trid il-liġi;

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest ġudizzjarju tat-8 ta' Mejju, 1989 kontra l-konvenuti, li huma ngunti għas-subizzjoni;

B'riserva ta' kull azzjoni oħra talvolta spettanti lill-istanti senjatament dik tad-danni";

Il-konvenuti għamlu l-eċċezzjonijiet tagħhom għat-talbiet ta' l-attur li fihom jaqblu illi l-van huwa proprjeta` ta' l-attur u li kien ġie importat f'Malta f'isem K.T. Company Ltd. **kif ried l-istess attur**. Iddikjaraw ukoll illi huma pronti jdawwru l-liċenza għal fuq isem l-attur **meta huwa jħallas dak li hu dovut lilhom**. Għamlu għalhekk is-segwenti kontro-talba:

"Billi huma għamlu spejjeż, in konnessjoni ma' l-inkarigu li kellhom mingħand l-attur u l-van tiegħu, ta' elfejn, mija u wieħed

u tmenin lira u sitta u ħamsin ċenteżmu (Lm2,181.56c), il-Qorti għandha tikkundanna lill-attur li jħallas dan l-ammont lill-istess konvenuti";

Kontro-talba bbażata fuq dawn il-premessi:

**Billi in konnessjoni ma' l-inkarigu li kellhom** il-konvenuti, huma għamlu spejjeż ammontanti għal Lm2,181.56 kif spjegat fl-anness Dok. B;

Billi l-attur naqas li jħallas dawn l-ispejjeż lill-konvenuti;

L-Ewwel Qorti hekk iddisponiet mit-talba u mill-kontro talba:

"Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti fuq l-ammissjoni tal-konvenuti tiddikjara li l-box van numru L2047 huwa proprjeta' ta' l-attur u tikkundanna lil Frank Gambin biex fi żmien xahar mil-lum jagħmel il-pratiki kollha neċessarji biex l-istess vettura tiġi reġistrata mill-awtoritajiet kompetenti f'isem l-attur;

F'każijiet bħal dawn, għall-effikaċja ta' din is-sentenza, il-Qorti qed tinnomina lill-avukat Dottor Peter Caruana Galizia biex fin-nuqqas ta' Frank Gambin - jiffirma u jagħmel huwa kull pratika neċessarja biex tiġi effettwata dik ir-reġistrazzjoni u din bis-saħħa ta' din is-sentenza -spejjeż għall-istess Frank Gambin;

Tiċħad il-kontro-talba in kwantu din hija improponibbli u tirriserva lill-konvenuti kull dritt ta' azzjoni kontra l-attur - *si et quatenus* - għall-pretensjonijiet tagħhom;

Spejjeż għall-konvenuti";

Sewwa li jiġu riprodotti l-konsiderazzjonijiet li bihom is-sentenza appellata ġiet motivata għax huma dawn li taw lok għall-aggravju ta' l-appellanti konvenuti:

L-unika diffikulta` fil-kawża tirrigwarda l-kontro-talba, billi għal dak li talab l-attur, hemm l-ammissjoni tal-konvenuti;

Studjati n-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet rigward il-punt ta' dritt, għandu jiġi rilevat illi l-istitut ta' rikonvenzjoni huwa regolat essenzjalment mill-artikolu 396 Kap. 12. Il-kontro-talba hija ammissibbli meta:

Tkun ġejja **mill-istess fatt** jew mill-istess **kuntratt jew titolu** li minnu tkun ġejja t-talba, jew

Meta ikollha bħala skop tpaċija tal-kreditu ta' l-attur, jew **b'kull mod ieħor iġġib fix-xejn** l-azzjoni ta' l-attur jew li timpedixxi l-effetti tagħha;

It-talbiet ta' l-attur huma:

Dikjarazzjoni ta' proprjeta`, u biex Frank Gambin jagħmel il-pratika neċessarja biex il-van jiġi rreġistrat f'isem l-attur proprjetarju;

Huwa ċar li wara l-ammissjoni tagħhom, il-konvenuti mhumiex qed jippretendu la tpaċija, la li jġibu fix-xejn it-talbiet attriċi - li anzi qed jammetuhom - u lanqas ma qed jimpedixxu l-effetti konsegwenzjali ta' dawk it-talbiet, hekk ammessi;

Il-kontro-talba żgur mhix bażata fuq l-istess kuntratt jew titolu

ta' l-attur. Jibqa' biss li jiġi eżaminat jekk dik il-kontro-talba hiex bażata fuq **l-istess fatt: Il-fatt** in kwistjoni huwa li l-van huwa proprjeta` ta' l-attur. Konsegwenza ta' dan il-fatt huwa d-dritt ta' l-attur li jkollu dik il-proprjeta` rikonoxxuta, b'reġistrazzjoni uffiċjali ma' l-awtoritajiet kompetenti. L-ispejjeż li nkorrew il-konvenuti għaliex esegwew l-istruzzjonijiet ta' l-attur u li huma l-oġġett tal-kontro-talba għandhom il-bażi fattwali u ġuridika tagħhom f'dan il-ftehim li huma jallegaw li huma waslu għalih ma' l-attur talli pprestawlu ċerti serviġi jew fornewlu servizzi. Il-kontro-talba għalhekk mhix "**ġejja mill-istess fatt**" kif trid il-liġi, biex tkun ammissibbli r-rikonvenzjoni. Sostanzjalment, biex il-kontro-talba f'każ bħal dan, tkun ammissibbli, irid ikun rikonoxxut mil-liġi speċi ta' dritt ta' garanzija - ċjoe` illi l-konvenuti jkollhom id-dritt tagħhom għar-rimbors ta' l-ispejjeż, garantit billi jirritjenu d-dritt formali tal-proprjeta` tal-van; garanzija li fil-każijiet kongruwi biss, il-liġi tirrikonoxxih bħala d-dritt ta' ritenzjoni - *jur ritentionis* - bħal, per eżempju dak tal-lukandier fuq l-effetti personali tal-klijent tal-lukanda għall-ħlas tad-dritt ta' alloġġ;

Dan qed jingħad b'referenza aktar loġika u analitika tal-kawżali tal-kontro-talba għaliex naturalment imbagħad, minn dak li rriżulta mix-xhieda ta' Frank Gambin tal-5 ta' Ġunju, 1990, jidher ċar illi l-pretensjonijiet konvenuti jirrisalu għall-fatti u serviġi ta' **qabel** ma daħal il-van f'Malta u li l-kont ta' dawk il-pretensjonijiet ma ġiex avvanzat **qabel** din il-kawża għalkemm l-attur verbalment kien informat b'dawk l-ispejjeż kollha li saru fl-interess tiegħu anke qabel l-inċident tal-van. Għalhekk in-ness fattwali - ġuridiku neċessarju għar-rikonvenzjoni, ma jeżistix";

Il-konvenuti *proprio et nomine* appellaw minn din is-sentenza. Huma sostnew illi t-talbiet attriċi kellhom jiġu miċħuda u l-kontro-

talba tagħhom milqugħa "billi mhux veru li huma ammettew iż-żewġ talbiet ta' l-attur iżda ssoġġettaw l-ammissjoni tagħhom għall-ħlas mill-attur ta' dak dovut lilhom fil-kontro-talba". Jissottomettu illi l-kontro-talba tagħhom hi proponibbli **billi hemm konnessjoni fattwali** mat-talba attriċi u dana kuntrarjament għal dak li rriteniet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Huma jissottomettu illi kienu intitolati jagħmlu l-kontro-talba tagħhom u li din hi fit-termini ta' l-artikolu 396 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili billi din toriġina mill-istess fatt jew kuntratt li fuqha hija bbażata t-talba. Dan in-ness fattwali bejn id-domanda attriċi u l-kontro-talba jinstab fl-inkarigu li l-attur appellat ta lill-appellanti li jdaħħlu l-van Malta u li allura jipprovdu għall-ħlasijiet ta' dazji, trasport, liċenzi u spejjeż oħra li għalihom qed jippretendu li jiġu rimborsati permezz tal-kontro-talba;

Il-Qorti eżaminat l-atti proċesswali fid-dawl ta' l-elementi kostituttivi ta' l-istitut tal-kontro-talba u ssib li l-appell hu ġustifikat anke jekk ma ssib xejn x'tikkritika fl-esposizzjoni teorika ġuridika fis-sentenza appellata. Din pero` tfalli fl-applikazzjoni tal-prinċipji legali ġustament esposti għall-fatti partikolari tal-każ;

Is-subinċiż (1) ta' l-artikolu 396 jipprovdi li l-konvenut jista' jagħmel kontro-talba kontra l-attur basta li din il-kontro-talba tkun **konnessa mat-talba** ta' l-attur "meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun ġejja mill-istess fatt jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun ġejja t-talba ta' l-attur". Hu taħt dan is-subinċiż, li jipprovdi lill-konvenut ir-rimedju tal-kontro-talba fil-każijiet klassiċi fejn hemm ir-rabta diretta mad-domanda attriċi, illi l-appellanti qed jakkampaw id-dritt tagħhom li jaġixxu **kontra** l-attur appellat;

*"La riconvenzione dicesi eccezione non in senso stretto, ma*

*in senso largo, inquantocche' il convenuto puo' opporre in giudizio all'azione contro di lui proposta, non solo la eccezione, ma pure la riconvenzione; cioe' **domanda** quel che gli si deve nello stesso tempo in cui si agisce contro di lui e nello stesso giudizio.*

*Vi e' riconvenzione, semprecche' per eccezione ad una domanda principale, si opponga **un altra domanda egualmente principale**"* (Vol. XI, p.78);

Hu ċar mill-fatti li l-appellanti, aktar milli qegħdin jopponu eċċezzjonijiet għat-talbiet ta' l-attur li huma - b'ċerti riservi - qed jaċċettaw li huma korretti qegħdin javvanzaw kontra l-appellat, permezz ta' rikonvenzjoni, azzjoni prinċipali oħra li biha qed jiddomandaw il-kundanna tiegħu għall-pagament ta' ammont lilhom dovut. Hu ċar li kemm l-azzjoni attriċi kif ukoll l-azzjoni rikonvenzjonali tal-konvenuti jistgħu jissossistu indipendentement minn xulxin. Li jrid jiġi stabbilit hu jekk jeżistix dak in-ness ta' fatt, kuntratt jew negozju li jintitola lill-konvenuti appellanti li javvanzaw it-talba tagħhom bil-proċedura tar-rikonvenzjoni fl-istess azzjoni promossa mill-attur;

Hu f'dan li l-analisi ta' l-Ewwel Qorti ġiet żvijata. Is-sentenza appellata irriteniet illi "il-kontro-talba żgur mhix bażata fuq l-istess kuntratt jew titolu ta' l-attur. Jibqa' biss li jiġi eżaminat jekk dik il-kontro-talba hijiex ibbażata **fuq l-istess fatt. Il-fatt** in kwisjtoni hu li l-van hu proprjeta` ta' l-attur. Ma' dan l-apprezzament din il-Qorti ma taqbilx u tifhem illi l-Ewwel qorti mhux biss qed tinterpreta d-disposizzjoni b'mod ristrett u litterali imma ukoll naqset li tikkunsidra l-fatti li fuqhom huma bbażati l-premessi għat-talbiet attriċi fil-kuntest tal-premessi tal-konvenuti għall-kontro-talba;

*"Conseguentemente la domanda riconvenzionale puo sorgere dalla stessa convenzione ovvero dal rapporto giuridico personale donde nasce la domanda dell'attore - oppure dallo stesso titolo che e' voce assai piu estesa del "contratto" ovvero "convenzione" - oppure dal medesimo "fatto" che consiste nel complesso della operazione che diede causa al raporto giuridico. "Il fatto" e' la manifestazione esteriore delle facolta' intellettuali e volitive dell'uomo e come tale puo' formare causa di obbligazione" (Digesto Italiano - Voce "Fatto" (Diritto Civile) Vol. IX p. 548) - e nel senso procedurale "fatto" significa anche "il complesso di tutte le circostanze che hanno dato causa e che formano l'oggetto di una lite" (Digesto Italiano p. 549 Procedura Civile) (Vol. XXVII, P.I, p.886)*;

Il-Qorti ma tistax taqbel li "**l-fatt** .... li minnu ġejja t-talba ta' l-attur" huwa li "l-van kien proprjeta' ta' l-attur". Il-fatt kien il-ftehim li kien hemm bejn il-kontendenti, l-attur u l-konvenut Frank Gambin, li dan ta' l-aħħar jieħu ħsieb l-importazzjoni tal-van mill-Ingilterra għal Malta. Van li kien ta' proprjeta' esklussiva ta' l-attur. Proprjeta' li l-konvenuti qatt ma kkontestaw u ftehim li dwaru l-partijiet jaqblu. Tant illi l-attur jippremetti **bħala fatt** fiċ-ċitazzjoni illi hu "kien ġab Malta dak il-van għal skopijiet ta' negozju u **ħalla** f'idejn ħuh Frank (il-konvenut) biex jagħmel il-pratika kollha neċessarja f'ismu mad-Dipartiment tal-Kummerċ u l-Awtoritajiet Doganali u dawk tal-Pulizija sabiex il-van jidħol Malta, jitħallas id-dazju fuqu u jiġi reġistrat mill-Pulizija b'numru ta' reġistrazzjoni Malti". Negozju li meta ġie konkjuż il-kontraenti kienu qed jifhmu li kien a vantaġġ reċiproku tagħhom. "Fatt" ieħor li minnu ġejja t-talba ta' l-attur hu illi l-konvenut Frank Gambin, minflok irreġistra l-van in kwistjoni fuq isem l-istess attur, spiċċa - skond l-attur b'diversi raġġiri - irreġistrah fuq isem is-soċjeta' konvenuta. Huwa

dan il-kumpless ta' ċirkostanzi li joriġinaw mill-**kuntratt** ta' mandat bejn l-attur u l-konvenut Frank Gambin illi pproduċa l-*azzjoni* attriċi. Id-dikjarazzjoni mitluba mill-attur li l-van hu ta' proprjeta' esklussiva tiegħu hi biss domanda preordinata għad-domanda l-oħra prinċipali illi l-konvenuti jiġu kkundannati li jonoraw l-obbligazzjonijiet kontrattwali tagħhom li jdawru l-istess van fuq isem l-attur kif kien ġie obbligat li jsir skond il-ftehim oriġinali li kellhom. L-azzjoni hi allura konsegwenzjali għall-allegata inadempjenza kontrattwali da parti tal-konvenut Frank Gambin;

Mill-banda l-oħra l-konvenuti qed jallegaw *inadempjenza* da parti ta' l-attur ta' l-obbligi assunti minnu fuq l-istess kuntratt ta' mandat. Huma jsostnu illi l-attur hu debitur lejhom f'*ammonti* minnhom żbankati in esekuzzjoni ta' l-istess mandat mogħti u aċċettat mill-istess attur u mill-konvenut Frank Gambin rispettivament. Ammonti li jirrigwardaw proprju l-ħlas ta' dazju, trasport u pagamenti oħra inkorsi fl-esekuzzjoni tal-pratiki kollha neċessarji biex il-van ikun jista' jidħol Malta. Minn dan l-assjem ta' ċirkostanzi, kemm fit-talba kif ukoll fil-kontro-talba li ssib l-oriġini tagħha fi ftehim oriġinali bejn l-attur u ħuh Frank Gambin, joħroġ in-ness bejn iż-żewġ azzjonijiet kemm ta' fatt kif ukoll ta' negozju. Hu allura sodisfatt ir-rekwiżit li l-kontro-talba toriġina *ex eodem fonte, ex eodem negotio vel eodem contractu* kif sintetikament imma inċiżament jesponu l-ġuristi;

Hu veru illi l-konvenuti m'għandhom l-ebda dritt ta' *jus ritentionis* fuq il-van li ġiebu Malta f'isem l-attur u l-merkanzija li bagħat fih l-attur li ukoll il-konvenut Frank Gambin kellu l-inkarigu li jdaħħal Malta u li fuqha jħallas id-dazju. It-titolu li bis-saħħa tiegħu huma qed jivvantaw kreditu kontra l-attur fil-kontro-talba hu dak għall-ħlas ta' servizzi reżi fl-esekuzzjoni tal-mandat u għall-

*ammonti ta' flus avvanzati fl-interess ta' l-attur mandanti tagħhom* fl-ispletar ta' tali inkarigu. Il-liġi ma tagħtix id-dritt lill-mandatarju li jirritjeni l-pussess tal-van proprjeta' tal-mandanti sakemm jiġi mħallas l-ammont dovut in sodisfazzjon ta' l-esekuzzjoni ta' l-istess mandat. Anke jekk dan ma jfissirx li l-mandatarju ma jistax mod ieħor jikkawtela d-drittijiet tiegħu anke fuq l-istess van. Mill-banda l-oħra din is-sitwazzjoni bl-ebda mod ma tippreġudika l-kontro-talba jew l-effikaċja tagħha. Kif fuq indikat il-kontro-talba hi meqjusa bħala azzjoni separata, distinta u prinċipali u ma hemm xejn x'josta li l-Qorti tilqa' kemm it-talba kif ukoll il-kontro-talba f'ġudizzji allura separati u distinti imma naturalment fl-istess proċess. *Ma kienux allura korretti l-konvenuti meta eċċepew* illi huma pronti li jdawwru l-liċenza tal-van għal fuq isem l-attur meta dana jħallas dak li kien dovut lilhom. Sa hawn is-sentenza appellata hija korretta u għandha tiġi konfermata, għax il-konvenuti qed jippretendu dritt fuq il-van proprjeta' ta' l-attur li l-liġi ma tagħtihomx. Il-konvenuti ma jistgħux jikkawtelaw jew aħjar jiggarantixxu l-kreditu tagħha **direttament** fuq il-van b'dan il-mod;

Fil-meritu;

*Omissis*;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi:

Tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu laqgħet it-talbiet ta' l-attur;

Tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu ċaħdet il-kontro-talba billi din hija improponibbli u tilqa' l-istess kontro-talba limitatament għas-somma ta' elf, tmien mija u sbatax-

il lira Maltija u sitta u ħamsin ċenteżmu (Lm1,817.56) - ammont dovut mill-attur lill-konvenuti *proprio et nomine* għar-raġunijiet minnhom dedotti u tikkundanna lill-attur iħallashom dan l-ammont b'din is-sentenza kanonizzat in sodisfazzjon ta' flus minnhom sborżati fl-interess ta' l-istess attur in esekuzzjoni tal-mandat minnu mogħti;

Jibqgħu riservati favur il-kontendenti kull dritt ta' azzjoni oħra lilhom spettanti fir-rigward tal-likwidazzjoni tan-negozji ta' bejniethom;

L-ispejjeż, kemm ta' dan l-appell, kif ukoll ta' l-ewwel istanza għandhom jiġu sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti u f'dan ukoll is-sentenza appellata qed tiġi revokata.